TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

**Keith Genovese**

**vs**

**Kind's - Autosales Ltd**

CCT 41/23/CC

Illum 19 ta' Novembru, 2024

It-Tribunal;

Ra t-Talba tal-atturipprezentata fis-6 ta' Marzu 2023, fejn talab hlas ta' l-ammont ta' €800 (tmien mitt ewro) rapprezentanti ammont ekwivalenti ghal sussidju relatat ma' skema ta' skrappjar ta' vettura, liema sussidju gie mitluf mill-attur minhabba li l-vettura ordnata minghand is-socjeta intimata waslet wara z-zmien skedat.

Ra li s-socjeta intimata debitament notifikata bl-Avviz tat-Talba u tas-Smigh ta' din il-procedura, ipprezentat risposta relattiva, fejn ikkontestat it-talba avvanzata mill-attur, ghar-ragunijiet elenkati fl-istess risposta.

Ra li entrambi l-partijiet ipprezentaw il-provi taghhom, inkluz dokumentazzjoni relattiva fis-seduti appuntati ghal dan il-ghan.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidra

Illi in succint jirrizulta li l-attur ffirma kuntratt ta' akkwist ta' vettura ta' l-ghamla 'Dacia', liema kuntratt huwa datat 8 ta' April 2022. Din il-vettura kellha tigi kkonsenjata erba' xhur wara, u cioe f' Awissu 2022. Minhabba l-pandemija u l-gwerra fl-Ukraina il-manifattura u l-produzzjoni esperjenzat dewmien, u l-vettura kienet lesta f'Settembru 2022. Il-vettura inbaghtet Malta f'Dicembru 2022.

Illi jirrizulta li l-vettura waslet Malta fit-18 ta' Jannar 2023, u sussegwentement ghaddiet mill-proċess tad-dwana, u ġew rilaxxati d-dokumenti għar-reġistrazzjoni ma' Transport Malta. Dan il-proċess jirriżulta li ġie konkluż fil-25 ta' Jannar 2023.

Illi fil-frattemp, l-attur xtaq li jibbenefika mill-iskema ta' sussidju relatat ma' l-iskrappjar tal-vetturi li kienet vigenti ghas-sena 2022. Tali skema kienet tipprovdi sussidju fl-ammont ta' €800 (tmien mitt ewro). Ġara li din l-iskema ma kienetx estiza fis-sena 2023, u stante li r-registrazzjoni tal-vettura de quo giet effetwata f'Jannar 2023, l-attur ma ġiex eligibbli ghal din l-iskema.

Ikkunsidra;

L-attur tramite din il-procedura qieghed jilmenta li minhabba d-dewmien sabiex il-vettura tigi kkonsenjata lilu, huwa tilef l-ammont ta' sussidju ta' €800 (tmien mitt ewro). L-attur jattribwixxi dan id-dewmien fuq is-socjeta intimata.

Illi minn analizi tal-provi prodotti fl-atti ta' dawn il-proċeduri, t-Tribunal fl-ewwel lok jagħmel referenza ghal klawsola '3.1' tal-kuntratt ta' akkwist iffirmat bejn l-attur u s-socjeta intimata, li jistipula s-segwenti:

> *"The Company cannot be held responsible for any damages arising as a result of any delay in the delivery of the vehicle."*

Illi t-Tribunal ha konjizzjoni tad-dokumentazzjoni pprezentata minn entrambi l-partijiet, u mill-istess dokumentazzjoni ma jidhirx li s-socjeta intimata attwibwit xi pprolungar ta' zmien sabiex il-vettura tigi ikkonsenjata. Id-dokumenti relevanti li gew sottomessi meta l-vettura waslet Malta gew ipprocessati fi zmien tajjeb u ghalhekk ma jistax jinghad li s-socjeta intimata hija hatja ta' dewmien fil-konsenja tal-vettura.

Illi t-Tribunal jinnota ulterjorment li l-ilment ta' l-attur jirrelata ma' ammont ta' l-iskema ta' sussidju relatat ma' l-iskrappjar tal-vetturi, liema skema kienet regolata minn Trasport Malta, li ma hijiex parti f'dawn il-proċeduri.

In vista tal-premess, u fic-cirkostanzi hawn esposti, t-talba avvanzata mill-attur qieghda tigi rigettata.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq premessi u fic-cirkostanzi tal-kaz, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jiċħad it-Talba avvanzata mill-attur.

L-ispejjez ta' dawn il-proċeduri għandhom jitħallsu mill-attur.

C. Cherrett

Avv. Dott. Charmaine Cherrett

Arbitru